# Kont Tifel Seklu Ilu

Għax jien kont diġa' tifel seklu ilu
w għaddejt mill-mogħdijiet fejn riġli ħafi
għallimni l-forom strambi ta' kull ġebla
u daħħal bejn subgħajja l-għabra antika.
Fejn kont biex dak in-nhar li terraqt jiena
ma rfistx int miegħi ħafja fuq il-ġebel
u fuq it-trab li llum għadu jagħrafni?
Fejn kont meta daqqejt in-noti mkarkra
u ktibt imnebbah biex ngħannih quddiemek
l-innu superstizzjuż ta' l-eżistenza?

Kont tifel seklu ilu nħares waħdi
lejn l-uċuħ ġodda, u lkoll ħallewni nħażżeż,
bil-faħma ħoxna li sewditli idi,
is-snug u ċ-ċrieki tiegħi fuq ħaddejhom
biex malli tasal inti tifhem kollox.
Fejn kont meta ħażżiżt bil-faħma ħoxna
u ridtek ħdejja biex inpinġi wiċċek,
warda li bdiet tiħmar minn seklu ilu?

1974

OLIVER FRIGGIERI.